# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 15 ta' Frar, 2024**

**Numru 20**

**Rikors Numru 1398/23TA**

**L-Onor. Kap tal-Oppożizzjoni u Kap tal-Partit Nazzjonalista l-Avukat Dottor Bernard Grech (K.I. nru 0526571M); u**

**L-Onor. Avukat Dottor Adrian Delia (K.I. nru 0299369M)**

**vs**

**L-Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tal-Gvern tar-Repubbblika ta' Malta u oħrajn (ir-rikorrenti) tal-4 ta' Jannar 2024.

Rat ir-risposta tal-Kap tal-Opposizzjoni u oħrajn (l-intimati) tat-8 ta' Jannar 2024.

Rat ir-risposta tal-Avukat tal-Istat (l-intimat Avukat) tad-9 ta' Jannar 2024.

Rat l-atti u dokumenti kollha.

Qrat is-sottomissjonijiet tal-abbli difensuri tal-partijiet.

Rat li r-rikors tħalla għal-lum għal deċiżjoni.

**Ikkunsidrat**

Permezz tar-rikors odjern ir-rikorrenti qed jitolbu li jintervjenu f'dawn il-proċeduri. Għalhekk, l-ewwel u qabel kollox, ikun utli li din il-Qorti tispjega l-utilita' ta' proċedura bħal din biex ikun apprezzat aħjar dak li ser jingħad 'l quddiem:

L-Istitut tal-intervent f`kawża in *statu et terminis* huwa regolat fil-liġi tagħna bl-Art 960 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jiddisponi hekk:-

*"Kull min juri b'sodisfazzjoni tal-Qorti, li huwa ghandu interess f'kawza li tkun miexja bejn partijiet ohra, jista' fuq rikors, jigi mdahhal in statu et terminis, bhala parti fil-kawza, f'kull waqt taghha, sew fil-Qorti ta' l-ewwel grad kemm fil-Qorti fi grad ta' Appell; izda dan l-intervent fil-kawza ma jwaqqafx il-proceduri taghha."*

Minn dan l-artikolu huwa ċar, li l-liġi tagħti fakolta` lil xi parti, li għandha interess, kif spjegat aktar 'l isfel, tiddaħħal f`kawża li tkun għaddejja bejn partijiet oħra. Tingħata għalhekk, il-possibilita` li tkun ammessa – talba li tista' issir anke fl-istadju tal-appell – illi tipparteċipa b'mod attiv f'kawża bejn il-partijiet l-oħra.

Il-Qorti tissenjala l-ħtieġa ta' żewġ rekwiżiti partikolari sabiex xi parti tkun tista' tipprevali ruħha minn dan id-dritt ta' intervent: Fl-ewwel lok, l-"interess" u fit-tieni lok, li l-Qorti tkun sodisfatta li dan l-interess jiġi sodisfatt ġuridikament u mhux fis-sens wiesgħa tal-kelma. Il-liġi ma tagħmel ebda distinzjoni bejn ix-xorta ta' kawżi sabiex issir talba għal intervent *in statu et terminis*. Dak li l-liġi tesiġi huwa li l-parti li tagħmel it-talba jkollha tassew, dak l-interess teknikament ġuridiku sabiex tkun tista' tintervjeni.

Il-**Mortara fil-Commentario del Codice e delle Leggi di Procedura Civile (1923 – Vol III – pag 256)** jgħid hekk:

"… *puo' trovarsi ad avere interesse nella lite sotto varii aspetti e perfino a poterne temere un gravame di fatto e indiretto, qualora il risultato finale di essa, pur non alternando la di lui situazione giuridica, minacciasse di rendere difficile il godimento delle utilita` che vi sono inerenti, od anche diminuirlo effettivamente, sovente la legge inesorabile del fatto compiuto e' piu` forte delle teorie astratte le quali proclamano la innocuita` della cosa giudicata inter alios."*

Awturi oħrajn ikomplu jispjegaw li "*La ragione pratica dell' istituto e' data dalla interdipendenza delle posizioni giuridiche e dei rapporti giuridici, sebbene i terzi non possono essere pregiudicati dalla sentenza pronunciata tra altri (res inter alios acta tertio neque nocent neque prodest) la loro posizione giuridica, o i rapporti giuridici di cui sono titolari, possono in vario modo subire delle conseguenze indirette dalla sentenza altrui, cio`*

*che determina di un processo in cui non sono parti, o all'esito del medesimo." (***Enrico Tullio Liebman fil-paġ 151 tal-"Manuale di Dir. Proc. Civile" – 1957**).

Il-Qrati tagħna dejjem taw interpretazzjoni liberali. **Fis-Sentenza fl-ismijiet Stepton -vs- Spiteri deċiża fit-23 ta` Novembru 1898,** intqal hekk:

"*E` stato ritenuto che, nel linguaggio della Procedura, e' terzo una persona materialmente estranea al giudizio fra altri pendente, e se viene chiaramente dimostrato che questo terzo ha un interesse qualunque, purche` sostanziale, sia personale che reale, e non derivativo nell'esito del giudizio che si agita fra altri, egli ha il diritto di intervenirvi, e puo` essere chiamato a prenderne parte … "L` istituto dell'intervento in causa, sia volontario, sia coattivo, e` basato sulla speditezza e semplicita` dei giudizi, essendo giustamente ritenuto molto utile il decidere la questione in presenza di quelli che vi hanno interesse, sviluppandosi meglio, in tal modo, le rispettive ragioni dei contendenti, ed evitando cosi` molteplicita` di giudizi inutili e spese considerevoli ai medesimi.*"

Għalhekk l-interess li tinneċessita' l-liġi sabiex persuna tkun f'posizzjoni li tintervjeni f`kawża li tkun għaddejja bejn ħaddieħor, irid ikun sostanzjali u dirett fil-kawża, mhux sempliċement interess fl-eżitu. Dan ifisser li biex tirnexxi talba għall-intervent *in status et terminis* f`kawża, l-iskop għandu jkun sabiex il-parti li tkun qed titlobha tipproteġi l-interessi tagħha f`dik il-

kawża partikolari u mhux f`kawża jew f`kawżi oħra li talvolta jistgħu jiġu intavolati.

L-istitut tal-intervent fil-kawża huwa maħsub sabiex dak li jkun mhux biss iħares l-interess tiegħu b'ħeffa, iżda ukoll li jelimina l-possibilta' ta' pluralita' ta' Kawżi. Dan l-intervent jista' jsir, mhux biss fl-interess ta' xi parti waħda u *ċioe ad adiuvandum*, iżda saħansitra kontra l-interess ta' kull waħda minnhom u cioe' *ad excludendum* (Ara **Sentenza tal-P.A tat-30 ta' Novembru 1922 fl-ismijiet Paċe Axiak et -vs- Lapira et (Kollez. Vol: XXV.ii.208**).

Il-Qorti tfakkar li għandhom jinżammu distinti l-intervent volontarju (*in status et terminis*) mill-intervent koatt ossia kjamat fil-Kawża. Fil-każ tal-aħħar, il-kjamat ikun għall-finijiet kollha, parti sħiħa fil-kawża, daqs li kieku kienet parti għaliha sa mill-bidu nett. Dan juri wkoll għaliex l-ispirtu wara l-intervent volontarju fil-kawża, huwa dak li l-Qorti tkun tista' ssib is-sewwa kollu dwar il-jedd kontestat fil-kawża mressqa quddiemha.

Sa ċertu punt jista' jingħad li dan l-Istitut huwa ukoll mezz sabiex il-Qorti tagħmel ġustizzja sħiħa, mhux biss ma dawk li jkunu fil-ġudizzju, iżda ukoll ma dawk li jistgħu ikunu effettwati minnu għalkemm mhux parti oriġinali għall-Kawża. Il-Qorti hija ampjament konsapevoli, li fir-rigward ta' dan l-Istitut, kuntrarjament għal dak tal-kjamat in kawża, l-interpretazzjoni tal-Qrati ma hiex daqstant uniformi jekk mhux ukoll kultant kunfliġġenti. L-ermenawtika sentenzjali tal-Qrati tagħna ma hiex uniformi dwar jekk

intervenut, li la jista' jkun kkundannat u l-anqas illiberat, għandux ikollu l-istess drittijiet tal-kjamat in kawża, fost oħrajn li jippreżenta nota' ta' eċċezzjonijiet.

Il-Qorti eżaminat sewwa t-tip ta' intervent li qiegħed jintalab fil-każ mill-persuni kollha li jridu jintervjenu.  Pero jeħtieġ li qabel jiġi eżaminat il-bażi tat-talba tar-rikorrenti.  Fis-suċċint ir-rikorrenti jilmentaw li l-azzjoni hija prinċipalment impernjata fuqi t-talba tal-Atturi li jridu jużurpaw id-dritt tal-funzjoni u s-setgħa tal-Gvern.  Dan l-ilment rifless ukoll fl-eċċezzjoni numru 9 tal-intimat Avukat.  Dan ifisser, li x-xorta ta' intervent li qiegħed jintalab huwa dak *ad adjuvandum* stante li r-rikorrenti qegħdin isostnu posizzjoni jekk mhux għal bħal, simili għal dik tal-intimat Avukat.

Ir-rikors qiegħed fost oħrajn isir mill-Gvern ta' Malta.  Il-Qorti qieset li fir-rikors ġuramentat tagħhom, l-Atturi jridu li l-intimat Avukat jipproċedi kontra numru ta' persuni tal-kabinett preċedenti mertu ta' dawn il-proċeduri abbażi tal-artikolu 1051A tal-Kodiċi Ċivili (ara premessi 10 sa 12).

Issa l-proviso tal-artikolu 1015A (4)tal-Kodiċi Ċivili jiddisponi li "*iżda* ***l-Gvern*** *jew il-korp magħqud, skont il-każ, ikun biss responsabbli għal dik il-parti tad-danni li ma tkunx qed tiġi rkuprata mill-persuni responsabbli għal dawk id-danni skont is-subartikolu 3"* (emfażi tal-Qorti).  Subartikolu 3 jiddisponi hekk: -"*persuni li jkunu għamlu r-reat jew awtorizzaw l-att ta' korruzzjoni u l-persuni li jkunu naqsu milli jieħdu passi raġonevoli biex jipprevjenu l-att ta' korruzzjoni għandhom ikunu solidalment responsabbli għad-danni*

*msemmija fis-subartikolu (2)".* Dan l-aħħar subartikolu jgħid hekk: "*Kull min ivanta li jkun sofra danni bħala riżultat ta' korruzzjoni għandu jkollu l-jedd li jieħu azzjoni biex jikseb kumpens għad-dannu kaġunat lilu bl-att ta' korruzzjoni kontra l-persuni li jkunu għamlu jew awtorizzaw l-att ta' korruzzjoni jew li jkunu naqsu li jieħdu passi raġonevoli biex jipprevjenu l-att ta' korruzzjoni".*

Min hawn jemerġi b'mod ċar, li l-Gvern, fl-eventwalita' li jintlaqgħu t-talbiet Attriċi, ser ikun ukoll passibbli għall-azzjonijiet kontra tiegħu għall-irkupru ta' danni u kumpens. Issa kulħadd irid jifhem, li indipendentment minn dan kollu, il-Gvern ma jmut qatt, mhux bħal Partiti Politiċi kif tgħallimna l-Istorja ta' pajjiżna. Il-figura tal-Gvern ma tafx b'uċuh jew idejoloġiji, għaliex huwa biss il-pedament istituzzjonali li fuqu jistrieħ l-Istat Malti biex ikun jista' jiffunzjona. Definizzjoni ta' x'jikkostitwixxi Gvern ma għandniex, ħlief waħda xotta għall-aħħar fil-Kap 249 tal-Liġijiet ta' Malta. L-anqas il-Kostituzzjoni ma tagħti definizzjoni fl-artikolu 124 tagħha li jipprovdi għal definizzjonijiet ta' nomenklaturi fil-Kostituzzjoni. Dan propju għaliex il-Gvern huwa l-Gvern u jibqa' hekk minkejja tibdiliet ta' natura amministrattiva. Il-Gvern huwa continwum istituzzjonali li l-eżistenza tiegħu hija awtonoma u indipendenti kemm mill-epoki storiċi u kif ukoll mill-eżistenza tal-partiti politiċi.

L-aħjar definizzjoni li ltaqgħet magħha din il-Qorti hija din: "*The structure of principles and rules determining how a state or organisation is regularised.*

*The sovereign power in a nation state. An organisation through which a body of people excersises political authority. The machinery by which a sovereign power is expressed. In this sense the term refers collectively to the political organs of the Country regardless of their function or level and regardless of the subject matter they deal with"* (**Black's Law Dictionary, 9th Ed, pg 764**).

Minn naħa l-oħra Gvern waħdu ma jieqafx fuq saqajh jekk ma jkunx hemm min jamministrah u li jkun responsabbli u kontabbli għal dak li jagħmel. Ir-risposta għal min huwa responsabbli għat-tmexxija tal-Gvern tinsab f'artikolu 79 tal-Kostituzzjoni ta' Malta li tiddisponi hekk*:*

*"(1) Għandu jkun hemm Kabinett għal Malta li jkun magħmul mill-Prim Ministru u dak in-numru ta' Ministri oħra li jistgħu jiġu maħtura skont l-artikolu 80 ta' din il-Kostituzzjoni.*

*(2) Il-Kabinett ikollu d-direzzjoni ġenerali u l-kontroll tal-Gvern ta' Malta u jkun responsabbli kollettivament dwar hekk lejn il-Parlament."* (Emfażi tal-Qorti).

L-istrutturat tal-Istat Malti hija kjarament immudellata fuq dak Ingliż f'kull aspett u f'dan ir-rigward intqal hekk:

"*The main functions of the Cabinet at the end of the First War were summerised in the following way: " '(a) the final determination of the policy submitted to Parliament (b) the supreme control of the national executive*

*in accordance with the policy prescribed by Parliament; and (c) the continuous coordination and delimitation in the interests of the several Departments of State' " (*Ara **O. Hood Philips and Jackson, Constitutional and Administrative Law, 8th Ed, pgs 342 u 343**).

Di piu' tajjeb li jingħad, li fost dawk li qed ikunu indizzjati mill-Atturi, fosthom il-Ministru Chris Fearne u l-Prim Ministru Robert Abela kienu membri tal-Kabinett preċedenti mertu ta' din il-Kawża. Dan huwa saħansitra indikat fit-trattazzjoni tal-abbli difensur tal-Atturi. Għalhekk għal din il-Qorti huwa ċar li anke il-Kabinett attwali u kif ukoll uħud minn dawk li jikkomponuh għandhom interess f'dawn il-proċeduri kif spjegat aktar 'l fuq.

Issa jmiss li jkun ikkunsidrat, x'mezzi għandhom għad-dispożizzjoni tagħhom ir-rikorrenti jekk jiġu ammessi jintervjenu. F'dan ir-rigward issir referenza għas-**Sentenza tal-Qorti tal-Appell f'sentenza mogħtija fl-10 ta' Jannar 2007 fl-ismijiet Markiż Joseph Philip Testaferrata Bonnici et vs Evelyn Micallef Agius et** fejn intqal illi: "*bhala terz interessat ammess fil-proceduri hu jista' anke "sostenendo la ragione sia dell' attore, sia del convenuto, ed altre volte pure i propri diritti in confronto sia dell' uno che dell' altro, provocare una decisione entro i limiti dell' azione intentata" (Kollez. Vol. XVI P I p 117). Huwa veru illi skond il-vot tal-ligi (Artikolu 960 [sic]) l-intervenut fil-kawza ma jissospendix il-procediment. B'danakollu, kif issokta jigi enuncjat, "dan ma jfisserx illi fl-attijiet ulterjuri li jkunu ghadhom iridu jsiru ghallistruzzjoni tal-kawza, l-intervenut ma jistax japprofitta ruhu*

*mill-mezzi kollha li taghtih il-ligi biex igib 'il quddiem ir-ragunijiet tieghu" (Kollez. Vol. XXXII P I p 477). Minn dan jitnissel illi la darba akkolta t-talba tieghu biex jiddahhal fil-kawza, huwa kellu d-dritt li jippartecipa fl-incidenti kollha taghha u li, sa dak il-mument, kienu ghadhom mhux decizi. Dan hu seta' jaghmlu anke billi jressaq l-eccezzjonijiet proprji u jqajjem diskussjoni dwarhom.* (Ara ukoll **Sentenza fl-ismijiet Joseph Galea -vs- Alfred Cardona, Appell Kummerċjali, 28 ta' Lulju 1987 u l-każistika f'din kompendjata**). Fil-kawża ċitata, l-Qorti tal-Kummerċ kienet ordnat l-isfilz tan-nota ta' eċċezzjonijiet imressqa mill-intervenut fil-kawża peress li ġiet ippreżentata meta l-kawża kienet differita għas-sentenza.

Dan iġib lil din il-Qorti biex tfiehem, li bil-mod kif evolvew is-Sentenzi fil-każ tal-iżvillupp ta' dan l-Istitut, il-Qrati jiddistingwu bejn il-każ fejn il-kawża tkun għadha fi stadju bikri u dak fejn il-Kawża tkun tħalliet għas-Sentenza jew tkun fi stadju matur u inoltrat. Minn hawn jinstilet li meta l-kawża tinsab fi stadju bikri għall-ġbir tal-provi tar-rikorrenti, huwa evidenti illi s-soċjeta' intervenuta fil-kawża għandha dritt li tressaq eċċezzjonijiet għat-talbiet attriċi. (Ara **Sentenza tat-3 ta' Diċembru 2020 fl-ismijiet Gladys Sant Fournier pro et -vs- L-Avukat Ġenerali, illum Avukat tal-Istat**.)

Issa l-Kawża odjerna ġiet presentata fit-12 ta' Diċembru 2023. Ir-risposta tal-Avukat tal-Istat ġiet presentata fit-3 ta' Jannar 2024. Ir-rikors odjern ġie presentat fl-4 ta' Jannar 2024 qabel l-ewwel smiegħ li kien fit-8 ta' Jannar 2024. Jidher ċar, li l-istadju altru milli hu bikri. Għalhekk il-Qorti ser tkun

qed tippermetti lir-rikorrenti li jintervjenu u ser ukoll jingħataw l-opportunita' li jippresentaw nota ta' eċċezzjonijiet.

**Decide**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qed tilqa' t-talba tar-rikorrenti kif mitluba u tippermettilhom jintervjenu in *statu et terminis* bil-fakolta' li jippresentaw nota ta' eċċezzjonijiet fi żmien għoxrin ġurnata mill-għotja ta' dan id-digriet.

Spejjes jibqgħu riservati għal mal-ġudizzju finali.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**